**NAXXAR**

## MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

### SEDUTA NRU. 10 – IT-TNEJN, 13 TA’ LULJU 2015

Il-Kumitat iltaqa’ fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-5:42pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maryanne Cuomo | *Chairperson* |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Maria Vella | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużata: | Alfreda Abela | Membru |

**1. APOLOĠIJI**

1.1. Sal-ħin li ssejħet il-laqgħa (fil-5:30pm) kien hemm preżenti ċ-Chairperson u s-Sinj. Muscat u għalhekk il-laqgħa ma setgħetx tibda minħabba nuqqas ta’ *quorum*. Il-laqgħa bdiet hekk kif waslet is-Sinj. Vella li skużat ruħha li kellha tittardja.

1.2. Iċ-Chairperson infurmat li s-Sinj. Abela ma setgħetx tattendi għal-laqgħa.

1.3. Iċ-Chairperson infurmat ukoll li s-Sur Joseph Micallef kien bagħat l-ittra tar-riżenja minħabba li kellu ħafna impenji u ma setax ilaħħaq max-xogħol li jirrikjedi Kumitat Amministrattiv. Din ir-riżenja kienet b’effett mill-Ġimgħa l-10 ta’ Lulju 2015.

**2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI**

2.1. Il-minuti tal-laqgħa numru 9 kienu meqjusa moqrija.

2.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

**3. KOMUNIKAZZJONI MIĊ-CHAIRPERSON**

3.1. Is-Sinj. Cuomo mill-ġdid għamlet riferenza għar-riżenja tas-Sur Micallef fejn infurmat ukoll illi, minħabba li ma kinitx saret elezzjoni għall-Kumitat, awtomatikament suppost li tkun *co-opted* persuna. Għal dan il-għan hija avviċinat lis-Sur Joseph Bonello, ex-membru tal-Kumitat, li wera x-xewqa li jerġa jkun parti mill-Kumitat. Il-Kumitat għalhekk, b’mod unanimu, approva li jirrakkomanda l-*co-option* tas-Sur Bonello.

3.2. Is-Sinj. Cuomo infurmat li kienet waslet email mingħand persuna li qed titlob li jkun installat *doggy bin* fi Triq Baħar iċ-Ċagħaq fil-parti ta’ fuq. Talbet ukoll li ssir tabella tal-isem tat-triq li iżda dawn se jkunu qed isiru kollha ġodda.

**4. NEWSLETTER**

4.1. Iċ-Chairperson fakkret li kienet diġà lestiet xi materjal għall-fuljett. Is-SE informa li fl-uffiċċju kien assenjat student tal-MCAST li forsi jista’ jgħin f’dan ix-xogħol.

4.2. Kien hemm qbil li jinżamm il-materjal li hemm filwaqt li jiżdiedu l-avviżi għall-ħarġa tal-21 ta’ Lulju, aerobics u ġita għal sqallija l-Erbgħa 12 ta’ Awwissu. Il-prezz għal din il-ġita, li se ssir b’kollaborazzjoni mal-Knisja, se jkun ta’ €102 għall-anzjani.

## 5. TABELLI TAL-ISMIJIET TAT-TOROQ

5.1. Is-SE spjega li, wara li kien hemm idea ċara ta' kemm jiswew it-tabelli jekk jiġu ordnati mingħand kuntrattur, wara li kien hemm diġà sejħa għall-offerti, iddiskuta internament bl-involviment tal-ħaddiema tal-Kunsill u instab mezz kif dan ix-xogħol isir mill-istess ħaddiema bi kwalità tajba. Biex jinxtraw materjal diversi xorta waħda mhux se jkun hemm il-ħtieġa ta' sejħiet għall-kwotazzjonijiet u l-medja ta' spejjeż għal kull tabella kif jixtieqhom il-Kumitat huwa ħafna irħas minn dak li kien ikkwotat. Huwa informa li l-unika dewmien li se jkun hemm biss huwa minħabba profil tal-aluminium se se jidħol Malta f'Settembru.

5.2. Il-Kumitat qabel.

## 6. QTUGĦ TA' ĦAXIX

6.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li hemm ammont ta' ħaxix fiz-zona ta' biswit il-*camping site* fi Triq Xatt il-Palm.

6.2. Kien hemm qbil li tintalab stima biex jinqata' dan il-ħaxix.

## 7. LAQGĦA MAL-PERIT RESPONSABBLI MINN TRIQ IL-KOSTA

7.1. Kien hemm qbil li possibilment issir laqgħa mal-Perit responsabbli mix-xogħol ta' Triq il-Kosta filwaqt li ssir komunikazzjoni mal-Ministru responsabbli Mizzi minħabba x-xogħlijiet meħtieġa fil-kumplament taz-zona ta' Xatt il-Palm.

## 8. ĦWEJJEĠ OĦRA

8.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li l-bin tal-klieb fi Triq ix-Xambekk mhux qed jitbattal.

8.2. Is-Sinj. Muscat infurmat b'dawn in-nuqqasijiet/issuġġeriet li ġejjin:

8.2.1. Skip fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi jinsab bla pedala.

8.2.2. Kurduna fi Triq Xatt il-Palm li qed titħaffer kollha.

8.2.3. Mhux qed isir knis fuq il-bankina fi Triq Xatt il-Palm u lanqas taħt is-siġra tal-ficus.

8.2.4. Bżonn li fuq il-fuljett ikun hemm avviżi dwar l-iskart – kienet infurmat li se jkun hemm.

8.3. Is-Sinj. Cuomo semmiet il-ħtieġa li fiż-żona fejn sar it-turf ikun hemm tabella biex ma jitħallewx jidħlu klieb.

## 9. DATA GĦAL-LAQGĦA LI JMISSI

9.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 18 ta' Awwissu, 2015 għal-5:30pm.

9.2. Il-laqgħa ntemmet fis-18:45pm.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |